MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-16 ta' Diċembru, 2022

Appell Inferjuri Numru 9/2018 LM

**Emmanuel Vella (K.I. 859153M)**
*('l-appellant')*

***vs.***

**Laura Camilleri (K.I. 267384M)**
*('l-appellata')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **Emmanuel Vella (K.I. 859153M)** [hawnhekk 'l-appellant'], minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) [minn issa 'l quddiem 'l-Ewwel Qorti'], tat-8 ta' Frar, 2022, [minn issa 'l quddiem 'is-sentenza appellata'], li permezz tagħha l-Ewwel Qorti laqgħet it-talba tar-rikorrent fil-konfront tal-intimata **Laura Camilleri (K.I. 267384M)** [hawnhekk 'l-

appellata'] limitatament fis-somma ta' elf Euro (€1,000), bl-imgħaxijiet ta' tmienja fil-mija (8%) dekorribbli mill-15 ta' Frar, 2018 sad-data tal-ħlas effettiv, filwaqt li ċaħdet il-kumplament tat-talba tar-rikorrent u tal-eċċezzjonijiet tal-intimata safejn inkompatibbli ma' din id-deċiżjoni. L-Ewwel Qorti ddeċidiet ukoll li l-ispejjeż tal-kawża għandhom jitħallsu kwantu għal żewġ terzi mir-rikorrent u terz mill-intimata.

**Fatti**

2. Ir-rikorrent spjega li għal diversi snin huwa kien jopera n-negozju ta' *mini market* fil-Mosta, u ftit qabel irtira min-negozju, proprju fis-sajf tal-2014, avviċinatu l-intimata, li tiġi n-neputija tiegħu, u qaltlu li xtaqet tkompli n-negozju minfloku. Ir-rikorrent qal li dakinhar il-partijiet ftehmu li l-intimata kellha tħallas is-somma ta' €20,000, sabiex tkopri l-kontenut tal-ħanut, u dan il-ħlas kellu jsir fuq medda ta' tliet snin, jiġifieri sa Diċembru tal-2017. Ir-rikorrent qal li huwa ħareġ mill-*mini market* f'Diċembru tal-2014, filwaqt li l-intimata daħlet fil-ħanut f'Jannar tal-2015. Ir-rikorrent qal li minkejja li fil-bidu l-intimata bdiet tħallas dak dovut minnha regolarment skont il-prezz miftiehem, maż-żmien din bdiet tonqos milli tagħmel il-ħlasijiet b'mod sħiħ, u bdiet tħallas biss nofs l-ammont li kellu jitħallas ta' kull xahar. Ir-rikorrent qal li kull darba li huwa kien jilmenta mal-intimata dwar dan, hija kienet twieġbu li bejniethom ma kien hemm xejn bil-miktub, u għalhekk setgħet, kieku riedet, ma tħallas xejn minn dak miftiehem. Permezz tat-talbiet tiegħu quddiem l-Ewwel Qorti, ir-rikorrent talab li l-intimata tiġi kkundannata tħallas l-ammont ta' €9,000, rappreżentanti bilanċ rimanenti dovut mill-prezz maqbul ta' €20,000, liema ammont kellu

jitħallas f'rati kull xahar sal-31 ta' Diċembru, 2017, liema bilanċ baqa' ma tħallasx minkejja li l-intimata ġiet debitament interpellata. Ir-rikorrent talab lill-Ewwel Qorti tikkundanna lill-intimata tħallas tal-ispejjeż, inkluż dawk tal-mandati kawtelatorji u l-imgħax kummerċjali bir-rata ta' 10% mill-31 ta' Diċembru, 2017 kontra l-intimata.

**Mertu**

3. L-intimata ħadet il-pożizzjoni li t-talbiet tar-rikorrent għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż, stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u dan għaliex is-somma reklamata jew kwalunkwe somma oħra verjuri mitluba mir-rikorrent mhijiex dovuta minnha.

4. **PC 167 Joshua Attard**, xehed quddiem l-Ewwel Qorti, li darba fost l-oħrajn inqala' inċident fejn l-intimata rrappurtat li z-ziju tagħha ir-rikorrent, kien mar fil-ħanut tagħha u kkawża xi ħsarat.

5. **WPC 24 Melissa Cardona**, xehdet quddiem l-Ewwel Qorti li l-intimata kienet għamlet rapport dwar inċident li qala' fil-ħanut tagħha r-rikorrent. Ix-xhud qalet li l-intimata kienet spjegat lill-Pulizija li hija kellha tagħti xi flus kull xahar liz-ziju tagħha, u li bejn il-partijiet ma kien hemm l-ebda ftehim bil-miktub.

6. Ir-rikorrent **Emmanuel Vella**, fl-*affidavit* tiegħu spjega li huwa jiġi z-ziju tal-intimata. Qal li huwa kellu ħanut il-Mosta bl-isem ta' Xufi Mini Market, u kien ilu joperah għal disgħa u għoxrin sena. Ir-rikorrent spjega li meta huwa

avviċina l-età tal-pensjoni, fis-sajf tas-sena 2014, kienet avviċinatu l-intimata u talbitu biex iwellilha l-ħanut. Qal li huwa aċċetta, u talabha s-somma ta' €20,000 għall-*fridges,* il-*cold room,* l-ixkafef u l-apparat l-ieħor li kien hemm fil-ħanut, ħlief għall-*cash register* u l-miżien elettroniku. Qal ukoll li l-intimata kienet infurmatu li ma setgħetx tħallas din is-somma kollha f'daqqa, u għalhekk ipproponiet li tħallas fuq medda ta' tliet snin. Ix-xhud qal li għalhekk intlaħaq ftehim li l-intimata tħallas €6,000 fl-ewwel sena, €7,000 fit-tieni sena, u €6,000 fit-tielet sena, b'dan illi s-somma dovuta tiġi mħallsa kollu sal-aħħar tat-tielet sena, jiġifieri sal-aħħar ta' Diċembru 2017. Qal li peress li l-intimata tiġi minnu, bejn il-partijiet ma sar xejn bil-miktub, iżda xhieda għal dan il-ftehim kien hemm il-mara tiegħu, u missier l-intimata. Ir-rikorrent qal li huwa telaq il-ħanut minn idejh għall-ħabta tal-Milied tal-2014, sabiex l-intimata jkollha ċ-ċans tirranġa l-ħanut kif xtaqet waqt il-festi, u qal li fil-fatt din fetħet il-ħanut mill-ġdid lejn l-aħħar ta' Jannar 2015. Ir-rikorrent qal li biex jgħin lill-intimata tibda, huwa biegħilha wkoll l-istokk li kellu, li kien jiswa madwar €3,000, u dan apparti l-€20,000 li kienu ftehmu dwarhom. Ir-rikorrent qal li l-intimata ħallset dan l-ammont fl-ewwel ftit xhur li hija kienet ilha topera l-ħanut, u matul l-ewwel sena l-intimata żammet mal-ftehim li kien hemm bejn il-partijiet, u ħallset is-€6,000 dovuti minnha għal dik is-sena. Ir-rikorrent qal li fis-sena 2016, ir-rikorrenti ħallsitu €1,000 fix-xahar ta' Jannar, iżda wara bdew jinqalgħu l-problemi bejn il-partijiet. Ir-rikorrent spjega li fix-xahar ta' Frar, l-intimata infurmatu li setgħet tħallas biss €500, u meta huwa wera d-diżappunt tiegħu għal dan, din qaltlu li hija ma kinitx obbligata tħallsu għaliex bejniethom ma kien hemm l-ebda kitba. Ir-rikorrent qal li l-partijiet kellhom xi jgħidu dwar dan, iżda fl-aħħar aċċetta li l-intimata tibda tħallsu €500 fix-xahar. Qal li fil-fatt l-intimata

tatu €500 għal xi sitt darbiet, u huwa ta' spiss kien ifakkarha li b'din ir-rata hija ma kinitx ser tħallas l-ammont kif miftiehem, iżda meta kienet tisma' hekk l-intimata kienet tissuppervja u tgħidlu li ladarba l-ftehim bejniethom ma kienx bil-miktub, huwa kellu jew jaċċetta l-offerta tagħha, jew inkella ma jieħu xejn. Ir-rikorrent qal li sal-aħħar ta' Diċembru, 2017, l-intimata kienet ħallsitu l-ammont ta' €11,000, u għalhekk kien għad fadlilha tħallsu €9,000 mis-somma miftehem bejniethom. Qal ukoll li fit-2 ta' Diċembru, 2016, meta bħas-soltu mar il-ħanut sabiex jiġbor il-pagament, huwa kien ilmenta mal-intimata li kienet ilha tliet xhur ma tħallas il-pagament mensili, u l-intimata kienet weġbitu li kienet ser tnaqqas il-ħlas fix-xahar għal €250. Ir-rikorrent qal li dakinhar huwa tlewwem mal-intimata, tant hu hekk li kellha tintervjeni il-Pulizija. Ix-xhud qal li fil-proċeduri kriminali li nfetħu kontra tiegħu, l-intimata ammettiet li kellha ttih somma flus, u wara dakinhar hija ma ħallsitu xejn aktar. Ir-rikorrent qal li huwa ilu mis-sajf tal-2017 jipprova jsolvi t-tilwim mal-intimata barra l-Qorti, iżda din ma tridx taf, u saħansitra bdiet tinsisti li m'għandha tħallsu xejn. Ir-rikorrent qal li sal-aħħar tal-2017, l-intimata kien għad fadlilha tħallsu €9,000 u issa huwa qiegħed jippretendi l-imgħax fuq dan l-ammont.

7. **Gemma Vella**, mart ir-rikorrent, ikkonfermat li żewġha kellu *mini market* fil-Mosta, u meta qorob għall-età tal-irtirar, iddeċieda li jieqaf mix-xogħol. Ix-xhud ikkonfermat li fis-sajf tal-2014, l-intimata kienet marret fil-ħanut u infurmat lil zijuha li xtaqet li tibda topera l-ħanut hi, u żewġha r-rikorrent aċċetta dan bil-kundizzjoni li l-intimata tħallsu €20,000 għall-affarijiet li kien hemm fil-ħanut. Ix-xhud ikkonfermat li dan l-ammont kellu jitħallas fi żmien tliet snin. Qalet li hija taf li r-raġel tagħha kien imur il-ħanut kull xahar sabiex jiġbor il-flus dovuti, iżda wara xi sena u nofs, huwa beda jgerger li l-intimata ma kinitx

qegħda tlaħħaq il-pagamenti miftiehma. Qalet li qabel il-Milied tal-2016, il-partijiet kellhom xi jgħidu bejniethom għaliex ir-raġel tagħha kien inkwetat li l-intimata ma kinitx ser tlaħħaq tħallas l-ammont kollu miftiehem fiż-żmien maqbul bejn.

8. Permezz ta' nota ppreżentata mir-rikorrent, huwa ppreżenta prospett tal-ħlasijiet li saru mill-intimata, kopja tal-*affidavits* tal-pulizija li marru fuq il-post dakinhar li l-partijiet tlewmu bejniethom, li xehdu fil-proċeduri kriminali kontra tiegħu, kopja tal-ittra interpellatorja tat-8 ta' Jannar, 2018, kif ukoll kopja tar-rapport li l-intimata għamlet fil-konfront tar-rikorrent.

9. L-intimata, fl-*affidavit* tagħha spjegat li fis-sena 2009, hi u r-raġel tagħha kienu ddeċidew li jikru ħanut bl-isem "The One" fi Triq il-Ħtajriet, il-Mosta, liema ħanut huma krew għal perijodu ta' għaxar snin. L-intimata spjegat li fir-raba' sena tal-kirja, is-sid tal-ħanut kien infurmahom li l-kera kienet ser togħla, u b'kumbinazzjoni fl-istess żmien, kien mar fil-ħanut tagħha r-rikorrent, li jiġi ziju tagħha. L-intimata spjegat li meta hija infurmat lir-rikorrent li l-kera tal-ħanut li kienet topera dak iż-żmien kienet ser togħla, dan minn jeddu offrielha li tikri l-ħanut li kien imexxi hu, għaliex huwa kien fi ħsiebu jirtira. L-intimata qalet li hija marret tkellem lil sid il-ħanut flimkien mar-rikorrent f'Marzu tal-2014, u ftehmet mas-sid li l-ħanut kellu jinkera bir-rata ta' €15 kull jum. Qalet ukoll li r-rikorrent obbliga ruħhu li jitlaq mill-ħanut sal-aħħar tal-2014, u dan sabiex hija tilħaq tagħmel *refurbishment* fi żmien il-festi. L-intimata qalet li l-ħanut ma kienx fi stat tajjeb ta' manutenzjoni, tant hu hekk li hija kellha tqabbad lil terzi sabiex jagħmlu xogħol ta' manutenzjoni fis-saqaf minħabba l-moffa u l-ingress tal-ilma. Qalet li sa dan l-istadju, ir-rikorrent qatt ma talabha xejn, u l-

arranġamenti biex jitlaq mill-ħanut ma sarux magħha, iżda mas-sid. L-intimata qalet li f'Settembru tal-2014, ir-rikorrent kien mar il-ħanut li kienet tmexxi dak iż-żmien, u staqsiha jekk kinitx infurmat lis-sid ta' dak il-ħanut li hija ma kinitx ser tibqa' tikri mingħandu. Qalet li ftit taż-żmien wara, ir-rikorrent kien infurmaha li sabiex joħroġ mill-ħanut mertu ta' dawn il-proċeduri, hija kellha tħallsu €12,000, inkella huwa ma kienx ser joħroġ minn hemm, bil-konsegwenza li hi u r-raġel tagħha jispiċċaw mingħajr impjieg. Qalet li kien għalhekk li hija reġgħet tkellmet ma' sid il-ħanut li kienet tikri dak iż-żmien, sabiex tara jekk setgħetx tibqa' fil-ħanut li kellha, iżda dan infurmaha li sadanittant kien laħaq kera l-ħanut lil ħaddieħor. Qalet li għalhekk hi u r-raġel tagħha ġew daharhom mal-ħajt, għaliex kien hemm ir-riskju li jitilfu l-għajxien tagħhom f'perijodu f'ħajjithom fejn hija kienet qegħda tistenna t-tieni wild tagħha. L-intimata qalet li hija spjegat id-diffikultajiet li kellha biex tħallas l-ammont pretiż mir-rikorrent, li min-naħa tiegħu qabel li jibda jirċievi l-ħlas ta' €1,000 kull xahar. Qalet li r-rikorrent kien infurmaha li l-ammont pretiż minnu kellu jkopri l-*cold room,* li sussegwentement l-intimata sabet li kellha l-mutur bil-ħsara, u kellha ssewwieh minn butha; il-miżien u s-*slicer,* li wara rriżulta li r-rikorrent ħadhom mill-ħanut minkejja li obbliga ruħhu li jirritornahom; il-*fridges* u l-*freezers,* fejn il-ftehim bejn il-partijiet kien li r-rikorrent kellu jħalli tmien *fridges* u *freezers,* iżda sussegwentement irriżulta li erbgħa minn dawn il-*fridges* u l-*freezers* kienu ta' terzi li ġabruhom meta r-rikorrent irtira, filwaqt li l-erba' *fridges* u *freezers* li kien għad baqa' kellhom jintremew għaliex ma kinux jaħdmu. L-intimata qalet li għalhekk l-unika ħaġa li kien għad fadal fil-ħanut kienet il-*cold room* u kuntrarjament għal dak allegat mir-rikorrent, kien hu li insista li hija tieħu l-istokk kollu li kellu, inkluż oġġetti skaduti. Qalet li hija kellha wkoll diffikultajiet

biex tirritorna dan l-istokk lill-aġenti, li qalulha li ladarba dak inxtara mingħand terz u mhux direttament mingħandhom, dan ma kienx jinbidel. Qalet li qabel daħlet fil-ħanut, hija talbet lis-sid jibdel ix-*shutter,* u għalhekk iċ-ċavetta tax-*shutter* li għaddielha s-sid kienet waħda ġdida. Qalet ukoll li l-ewwel pagament ta' €1,000 kif miftiehem sar f'Ġunju tal-2015, u mill-ewwel pagament li għamlet ir-rikorrent kien sarkastiku fil-konfront tagħha, u beda jhedded bi kliemu. L-intimata qalet li fl-2016, il-ħanut beda jmur lura għaliex fl-istess inħawi nfetħu ħwienet oħra, u għalhekk hija kienet infurmat lir-rikorrent li ma setgħetx tibqa' tħallas €1,000 fix-xahar, u li l-aħħar ftit pagamenti li kien għad fadal kienu ser jibdew jitħallsu bir-rata ta' €500 fix-xahar. L-intimata qalet li kif hija infurmat b'dan lir-rikorrent, dan beda jgħajjat u jsabbat, u saħansitra kissrilha l-kompjuter. Qalet li fil-fatt ir-rikorrent tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u nstab ħati. L-intimata qalet li wara dan l-episodju hija m'għamlet l-ebda kuntatt ieħor mar-rikorrent, u hija lanqas ma kienet taf kif dan qiegħed jippretendi ħlas ta' €20,000. Hija qalet li r-rikorrent qiegħed jipprova jivvendika ruħhu minnha. Qalet ukoll li fil-preżent il-ħanut jinsab magħluq, għalkemm għad fadal xi affarijiet x'jinħarġu minnu.

10. Għad-domandi li sarulha in kontro-eżami, l-intimata qalet li l-ftehim dwar il-kirja tal-ħanut kien innegozjat minnha mas-sid tal-fond. L-intimata ċaħdet li dakinhar li saret l-aggressjoni fuqha mir-rikorrent, l-inkwiet inqala' għaliex hija kienet infurmat lir-rikorrent li ma kinitx disposta tħallas il-kumplament tal-flus dovuti minnha.

11. **Attilio Briffa**, fl-*affidavit* tiegħu xehed li huwa direttur tas-soċjetà CRC Malta Limited, u qal li f'Settembru tal-2015 huwa kien biegħ lil Matthew u lil

Laura Camilleri mutur għall-*cold room* tad-ditta MISA, għaliex il-*cold room* tagħhom ma kinitx qegħda tiffunzjona kif suppost. Qal li f'Diċembru tal-istess sena kienet saret installazzjoni oħra fl-istess *cold room.*

12. **Marvin Sapiano**, in rappreżentanza ta' Alf Mizzi & Sons Marketing Limited, ikkonferma d-dokument li jgħid li t-tagħmir kollu ta' din il-kumpannija u li kien fil-pussess tar-rikorrent qabel dan irtira, ġie ritornat lura lill-kumpannija.

13. **Tarcisio Mizzi**, in rappreżentanza tal-kumpannija NG xehed li kien hu li mar jarma l-ixkafef fil-ħanut mertu ta' dawn il-proċeduri, u li meta mar fil-ħanut sab lill-intimata hemm.

14. **Matthew Camilleri**, ir-raġel tal-intimata, spjega li qabel bdew joperaw il-ħanut mertu ta' dawn il-proċeduri, hu u l-mara tiegħu kellhom il-ħanut 'The One Discount Shop' fi Triq il-Ħtajriet, il-Mosta. Ix-xhud qal li wara għadd ta' snin joperaw dan il-ħanut, is-sid kien infurmahom li ried jgħolli l-kera, u fl-istess żmien ir-rikorrent, li jiġi z-ziju tal-mara tiegħu, kien infurmahom li xtaq iwelli l-ħanut li kien jopera ħalli jkun jista' joħroġ bil-pensjoni. Ix-xhud qal li l-partijiet ftehmu li l-intimata kellha tkompli bil-kirja taz-zijuha hekk kif dan joħroġ bil-pensjoni. Qal li wara li sar dan il-ftehim, huma taw madwar sena *notice* lir-rikorrent biex jivvaka l-post, u madwar sitt xhur wara, ir-rikorrent kien sab lill-mara tiegħu u qalilha li ried rigal ta' tnax-il elf Euro (€12,000) biex joħroġ mill-post. Ix-xhud qal li r-rikorrent kien qalilhom li dawn il-flus riedhom bħala ħlas tal-ixkafef, il-*cold room,* l-istokk, il-*fridges* u l-*freezers,* iċ-*cheese grater,* is-*slicer,* u l-miżien, għalkemm żied jgħid li dawn l-aħħar tliet oġġetti li ssemmew, huwa

qatt ma rahom. Ix-xhud qal li jum fost l-oħrajn inqala' inċident meta hu ma kienx fil-ħanut, u r-rikorrent aggredixxi lill-mara tiegħu meta mar fil-ħanut jitlob il-pagament, u l-intimata infurmatu li kienet ser taqsamulu fuq perijodu ta' żmien.

15. **Raymond Formosa**, fl-*affidavit* tiegħu spjega li huwa jiġi missier l-intimata u kkonferma li bintu bdiet topera dan il-ħanut wara li r-rikorrent infurmaha li kien beħsiebu jirtira. Qal li r-rikorrent għal għarrieda talab tnax-il elf Euro (€12,000) sabiex iħalli l-post vakanti, u hu kien preżenti meta sar dan il-ftehim mar-rikorrent. Qal li l-partijiet qablu wkoll li dawn it-€12,000 kellhom jitħallsu bil-mod, mingħajr ebda irbit ta' żmien, u b'dan il-ftehim ir-rikorrent kien intrabat ukoll li ser iħalli xi attrezzaturi fil-ħanut. Ix-xhud qal li huwa jaf li bintu u r-raġel tagħha bdew iħallsu lir-rikorrent is-somma ta' €1,000 fix-xahar, u l-inkwiet inqala' meta bintu naqqset l-ammont li kienet tħallas għal €500 fix-xahar. Dan ix-xhud ikkonferma li dakinhar li bintu infurmat lir-rikorrent li kienet ser tnaqqas l-ammont li kienet qegħda tħallsu għal €500 fix-xahar, dan sar aggressiv u beda jheddidha, tant hu hekk li kellu jsir rapport lill-Pulizija. Dan ix-xhud qal li r-rikorrent għamel rapport falz meta lill-Pulizija qalilhom li l-ftehim kien fuq €20,000 u mhux fuq €12,000.

## <u>Is-Sentenza Appellata</u>

16. Permezz ta' sentenza mogħtija fit-8 ta' Frar, 2022, l-Ewwel Qorti laqgħet it-talba tar-rikorrent limitatament għas-somma ta' elf Euro (€1,000), bl-imgħaxijiet ta' tmienja fil-mija (8%) dekorribbli mill-15 ta' Frar, 2018 sad-data tal-ħlas effettiv, filwaqt li ċaħdet il-kumplament tal-pretensjonijiet tar-rikorrent

u l-eċċezzjonijiet tal-intimata, safejn inkompatibbli mad-deċiżjoni, u dan wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"**Ikkunsidrat***

*Fil-qosor, din il-kawża tittratta dwar ammont bilanċjali dovut lill-attur mill-intimata allegatament rappreżentanti prezz ta' oġġetti, u* equipment *li l-attur ħalla fil-ħanut li kriet l-intimata.*

*Il-kontendenti ma jaqblux fuq id-dettalji, iżda l-aktar, fuq l-ammont innifsu – fejn l-attur jgħid li huma kienu ftehmu dwar €20,000, filwaqt li l-intimata tgħid li kienu ftiehmu dwar €12,000. Huma però, it-tnejn jaqblu li tħallsu b'kollox €11,000.*

*Il-Qorti tinnota li l-attur jgħid li t-termini tal-ftehim tagħhom kien li l-ammont jitħallas fi 3 snin, sa Diċembru 2017, €6,000 fl-ewwel sena, €7,000 fit-tieni sena, u €6,000 oħra fit-tielet sena u li dawn kellhom jitħallsu b'rati mensili.*

*Il-Qorti minn issa tinnota li, li kieku kien hekk, ir-rati kienu jkunu €500 fix-xahar għall-ewwel u għat-tielet sena, u €583.33 għat-tieni sena. Minflok, iżda, il-kontendenti jaqblu li l-ħlasijiet kienu jsiru bir-rata ta' €1,000 fix-xahar, iżda li mbagħad waqgħu għal €500 fix-xahar. L-attur jeżebixxi nota (a fol. 27 tal-proċess) li fiha però jindika li saru disa' pagamenti ta' €1,000-il wieħed bejn Lulju 2015 u April 2016 u erba' pagamenti ta' €500-il wieħed bejn Ġunju 2016 u Settembru 2016.*

*Dan jikkontrasta mal-verżjoni mogħtija mill-attur stess fl-affidavit tiegħu, li jgħid li hu kien aċċetta €500 fix-xahar sa minn Frar 2016 u li kienet ħallsitu 6 skadenzi bl-ammont ta' €500. Jikkontrasta wkoll mal-verżjoni mogħtija mill-intimata, li tgħid li kienet l-ewwel darba li offrietlu €500 li nqala' l-inkwiet u ma sarux aktar pagamenti. Fl-affidavit tagħha, fil-fatt tgħid li kien dakinhar li ssuġġerietlu b'dan, u ċioe f'Diċembru 2016, li l-attur kien wettaq l-atti kriminali li tagħhom instab ħati b'sentenza tal-25 ta' Settembru, 2018.*

*Il-Qorti tinnota wkoll li n-nota a fol. 27 ma ġietx ġuramentata u għalhekk, qajla tista' tikkostitwixxi prova valida għal dawk li huma l-ammonti mħallsa u d-dati tant preċiżi mogħtija fiha.*

*Din il-Qorti ma tistax tinjora wkoll il-fatt li dwar it-tlett elef Euro "*over and above*" li l-attur isemmi li l-intimata ħallsitu għall-istock, ma nġieb xejn biex juri dan. Bħal donnu, għalhekk, dan l-ammont mhuwiex kontestat u għalhekk, jekk xejn, l-attur irċieva €14,000 s'issa, u mhux €11,000. Fix-xhieda tiegħu, Matthew Camilleri, żewġ l-intimata dwar dan jgħid li l-attur kien qed jirrikattahom għat-€3,000. Bħal donnu*

*anke l-istess xhud Matthew Camilleri jagħti x'jinftiehem li dawn it-tlett elef Euro kienu tħallsu mingħandhom.*

*Jibqa' għalhekk, f'ħoġor din il-Qorti, tiddeċiedi min mill-kontendenti għandu raġun dwar dan kollu.*

*Fir-rigward tal-punti sollevati mill-attur fit-trattazzjoni tad-difensur tiegħu, din il-Qorti ma tqisx li l-fatt li l-intimata marret tikkoreġi l-verżjoni mogħtija minnha lill-pulizija bħala xi prova konklussiva tal-ftehim ta' bejnha u bejn l-attur. Dan seta' faċilment kien, kif ben jirrimarka l-avukat difensur tagħha, nuqqas ta' ftehim jew* misunderstanding *bejnha u bejn l-uffiċjali tal-pulizija, li ntebħet bih appena ġie f'idejha r-rapport stampat.*

*Lanqas ma tqis ta' xi importanza kbira l-fatt li Ġemma Vella kienet qalet, fl-affidavit tagħha, li hija kienet preżenti għall-ftehim u mbagħad ikkoreġietha fix-xhieda tagħha in kontro-eżami, u wieġbet li ma kinitx. Fil-verità, lanqas fl-affidavit tagħha ma tgħid xejn ta' sustanza dwar dan il-ftehim – tgħid biss li dan kien għas-somma ta' €20,000. Evidentement, din is-somma tingħad biss minn Emmanuel Vella, u ħadd iktar. Mill-banda l-oħra, is-somma ta' €12,000 tissemma minn diversi persuni, għalkemm kollha mparentati mal-intimata.*

*Naturalment, huwa prinċipju aċċettat li huwa l-attur li jrid jipprova t-talba tiegħu biex din tiġi milqugħa. Dan mhux biss skont id-dispost tal-**artikolu 562 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta** iżda anke skont id-dettam* onus probani incubit qui dicit non ei qui negat (*ara l-kawżi (**Dottor Herbert Lenicker vs Joseph Camilleri**, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 31 ta' Mejju, 1972; u **Peter Paul Aquilina vs Paul Vella**, Appell Inf., 2 ta' Mejju, 1995). Fl-aħħar sentenza hawn ċitata, il-Qorti tgħallem li "*l-attur f'kawża ma jistax jistenna li l-Qorti tagħmel ix-xogħol tiegħu u dan l-aktar meta huwa min jallega li jrid jipprova." *Huwa prinċipju rassodat li l-mera possibilità mhijiex suffiċjenti biex tirradika r-responsabbilità ċivili (**Frank Giordmania Medici et noe vs William Rizzo et**, (PA (NC), 28 ta' April, 2004).*

*Attur f'kawża ma għandux jistenna li l-Qorti temmnu f'kollox meta l-allegazzjonijiet tiegħu huma kategorikament respinti mill-konvenut. Huwa nuqqas tal-attur li jressaq l-aħjar prova (skont id-dispożizzjonijiet tal-**Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**) u li din il-prova tkun waħda konkreta ta' dak li qed jallega (ara wkoll **Adam Bugeja vs Charles Falzon et,** PA (JA), 23 ta' Ottubru, 2013). Detto questo, dan ma jfissirx li l-provi miġjuba mill-attur għandhom jiġu skartati, altru milli hekk.*

*Il-Qrati tagħna jgħallmu li "*(i)l-konflitti ta' provi huma ħaġa li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti għaliha. Il-Qorti għandha teżamina jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilità u speċjalment dawk tal-konsistenza u

verosimiljanza għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq il-bilanċ tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, **għax dawn, f'kawżi ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant" (*Farrugia vs Farrugia*,** *Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 24 ta' Novembru, 1966, Vol. XXXVI, P.I, p. 319). Fis-sentenza* ***Bugeja vs Falzon et*** *(hawn fuq imsemmija) il-Qorti tgħid li "*(f)il-kamp ċivili għal dak li hu apprezzament ta' provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-ġudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fiċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja, verosimili. Dan fuq il-bilanċ tal-probabbiltajiet, sostrat bażiku ta' azzjoni ċivili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-preponderanza tal-provi, ġeneralment bastanti għall-konvinċiment. Għax kif inhu paċifikament akkolt, iċ-ċertezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabbiltajiet."

*Verament, fil-kawżi ċivili (anke kif konfermat fis-sentenza hawn fuq imsemmija fl-ismijiet* ***Farrugia vs Farrugia****), "*mhux kwalunkwe tip ta' konflitt għandu jħalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessità li minħabba fih ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo". (*Ara l-istess prinċipju fis-sentenza* ***George Bugeja vs Joseph Meilak****, PA (TM), 30 ta' Ottubru, 2003 u* ***Emanuel Ciantar vs David Curmi noe****, PA (PS) 28 ta' April, 2003).*

*Il-ġudikant fil-kamp ċivili għandu jiddeċiedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinduċu fih iċ-ċertezza morali li kull tribunal għandu jfittex, u mhux fuq sempliċi possibilitajiet. Imma dik iċ-ċertezza morali hija biżżejjed, bħala li hija bażata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet (****Eucaristo Zammit vs Eustrachio Petrococchino,*** *Appell Kummerċ, 25 ta' Frar, 1952;* ***Paul Vassallo vs Carmelo Pace****, Appell, 5 ta' Marzu, 1986). Meta mbagħad dik iċ-ċertezza ma tirriżultax a bażi tal-preponderanza tal-provi miġjuba fil-kawża, mel'allura l-ġudikant isib ruħhu jdejh marbuta li japplika l-prinċipju tal-*in dubio pro reo *u jillibera lill-konvenut mill-osservanza tal-ġudizzju.*

*In vista ta' dawn l-insenjamenti, din il-Qorti tqis li, il-verżjonijiet tal-partijiet rispettivi mhumiex b'saħħithom biżżejjed biex waħda tegħleb lill-oħra.*

*Dan però ma jfissirx li l-ebda parti mit-talba tal-attur ma għandha tintlaqa'. L-intimata tikkonferma hi stess li jekk xejn, kien għad fadal biss €1,000 x'jitħallsu. Hi taqbel li dawn ma tħallsux u li għalhekk kienu dovuti. Tgħid iżda, li l-ħlas kien marbut mal-oġġetti li Vella kellu jħallihom fil-ħanut u bħal donnha ġġib diversi xhieda sabiex tiġġustifika l-fatt li lanqas dawk l-€1,000 ma huma dovuti.*

*Din il-parti tad-difiża tal-intimata ma treġġix, speċjalment peress li kieku huwa minnu li l-intimata riedet twaqqaf il-ħlasijiet minħabba n-nuqqas ta' oġġetti mwegħda lilha, jew id-difetti li sabet fihom, dan kienet tagħmlu mill-ewwel, u mhux wara li tkun għamlet dak li hija tgħid li kien kważi l-ħlas sħiħ.*

*F'kull każ ukoll, il-Qorti tinnota li l-intimata ma ressqet ebda eċċezzjoni ta' tpaċija, u/jew kontrotalba f'dan is-sens.*

*Fir-rigward tat-talba tal-attur għal imgħaxijiet kummerċjali mill-31 ta' Diċembru, 2017 sal-ħlas effettiv, din it-talba qed tiġi respinta għall-istess raġunijiet li din il-Qorti ġjà esprimiet, fis-sens li l-attur ma rnexxilux jipprova la l-ammont bilanċjali mitlub minnu, u lanqas it-termini tal-ftehim mertu ta' din il-kawża. F'kull każ, mhemmx dubju li l-€1,000 dovuti mill-intimata kienu magħrufa lilha sa mill-bidu nett, u għalhekk, in vista li l-ewwel interpellanza ġudizzjarja kienet tikkonsisti fl-avviż promotur mertu ta' din il-kawża, din il-Qorti tqis li l-imgħaxijiet legali ta' tmienja fil-mija (8%) għandhom jiddekorru mid-data li fiha l-intimata ġiet notifikata bl-avviż promotur sad-data tal-ħlas effettiv. Madankollu, fl-atti ma tirriżultax in-notifika pożittiva tal-intimata għall-avviż promotur, iżda biss ir-risposta tagħha tal-15 ta' Frar, 2018 u għalhekk, din il-Qorti tqis li huwa ġust li l-imgħaxijiet jibdew jiddekorru minn dakinhar.*

***Decide***

*Għaldaqstant, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' t-talba tal-attur limitatament għas-somma ta' elf Euro (€1,000), bl-imgħaxijiet ta' tmienja fil-mija (8%) dekorribbli mill-15 ta' Frar, 2018 sad-data tal-ħlas effettiv. Tiċħad il-bqija tat-talba tal-attur u tal-eċċezzjonijiet tal-intimata safejn inkompatibbli ma' dak hawn deċiż.*

*L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu kwantu għal żewġ terzi (2/3) mill-attur, u terz wieħed (1/3) mill-intimata."*

## L-Appell

17. L-appellant appella mis-sentenza tal-Ewwel Qorti permezz ta' rikors tal-appell ippreżentat fit-28 ta' Frar, 2022, fejn talab lil din il-Qorti jogħġobha tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata fl-ismijiet premessi, u tgħaddi biex tilqa' t-talbiet tiegħu, filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-intimata.

18. L-appellant spjega li huwa ħassu aggravat bil-parti tas-sentenza tal-Ewwel Qorti, li ċaħdet it-talbiet tiegħu sabiex l-intimata tiġi kkundannata tħallas il-bilanċ tal-ammont pattwit, fost l-oħrajn billi l-Ewwel Qorti sabet li l-

verżjonijiet tal-partijiet rispettivi mhumiex b'saħħithom biżżejjed biex waħda tegħleb lill-oħra. L-appellant qal li l-Qorti tal-Maġistrati jidher li ħadet approċċ tal-eżami tal-provi kemmxejn differenti minn dak li jsir is-soltu, u qalet li l-ewwel Qorti ma setgħet qatt tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha, u ladarba kienet tal-fehma li l-verżjoni intimata ma setgħetx tegħleb dik tar-rikorrent, il-konsegwenza naturali kellha tkun li t-talbiet tar-rikorrent kellhom jintlaqgħu fis-sħiħ. L-appellant qal li kuntrarjament għall-appellata, huwa ressaq biżżejjed provi kemm dokumentarji kif ukoll *viva voce* sabiex jipprova t-talba tiegħu u jegħleb l-oneru tal-probabbli. Qal ukoll li abbażi tal-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna, l-Ewwel Qorti ma kellha l-ebda raġuni tiċħad it-talba kif proposta. Qal li huwa mhux biss ipprova l-kawża bix-xhieda tiegħu taħt ġurament, iżda wkoll bix-xhieda ta' terzi, jiġifieri tal-pulizija li marru fuq il-post fejn seħħ l-inċident bejn il-partijiet, u ħadu l-verżjoni tal-appellata *a tempo vergine.* Qal li l-pulizija t-tnejn li huma kkonfermaw li l-appellata ammettiet magħhom li kellha tħallas €20,000. Qal ukoll li bejn il-partijiet ma kienx hemm kitba. Qal li wara erbat ijiem, l-appellata marret u kkorreġiet il-verżjoni li tat lill-pulizija, b'tali mod li minflok iddikjarat li kellha tagħti €20,000, qalet li kellha tagħti €12,000. L-appellant qal li l-Qorti għażlet li tiskarta x-xhieda tal-pulizija, xhieda terzi li m'għandhom l-ebda interess fil-kawża, u minflok qalet li t-tibdil fil-verżjoni seta' faċilment kien dovut għan-nuqqas ta' ftehim jew *misunderstanding* bejn l-appellata u l-uffiċjali tal-pulizija. L-appellant qal li l-Ewwel Qorti ma setgħetx tkun daqstant leġġera u tiskarta mhux biss l-eżistenza ta' ftehim, iżda anki tal-ammont dovut fil-mument li seħħ l-inċident. Qal li t-tibdil fil-verżjoni minn €20,000 għal €12,000 ma kienx sempliċi *lapsus* ta' xi ħadd li ħawwad somma

ma' oħra f'mument ta' eċċitament, għaliex l-unika somma fattwali u li setgħet tagħmel riferiment għaliha l-appellata hija dik ta' €20,000.

19. L-appellant saħaq li l-Ewwel Qorti lanqas ħadet konjizzjoni tal-fatt li l-verżjoni oriġinali fir-rigward tal-ammont dovut ġiet korroborata minnu stess meta ġie mgħajjat mill-pulizija sabiex jagħti l-istqarrija tiegħu. Qal li bħal ma jirriżulta li l-appellata għamlet żmien theddu li setgħet ma tħallsu xejn ladarba bejniethom ma kien hemm xejn miktub, l-appellata kellha wkoll opportunità li taħmi storja dwar kif setgħet tevita li tħallas il-bilanċ dovut minnha. Qal li l-Ewwel Qorti lanqas ma ħadet konsiderazzjoni tal-fatt li l-appellata, mhux biss ma ppreżentatx irċevuta li fattwalment turi li sar il-ħlas, tant hu hekk li n-nota dwar il-pagamenti li huwa ppreżenta bl-ebda mod ma ġiet ikkontestata, talli l-appellata kkontradixxiet il-verżjoni tagħha stess waqt il-kontro-eżami li sarilha dwar il-ħlasijiet. L-appellant għamel riferiment għall-parti tal-kontro-eżami li sar lill-appellata fejn din qalet li għamlet l-ewwel pagament ta' €1,000 f'Ġunju 2015, u minn hemm 'il quddiem hija dejjem ħallset puntwalment dan l-ammont kull xahar. L-appellant qal li minkejja li l-appellata tgħid li b'kollox ħallset ħdax-il elf Euro, u l-aħħar ħlas li kien għad fadal kien ta' elf Euro, hija tgħid li ma tiftakarx id-dati tal-ħlas, u f'mument minnhom qalet li l-aħħar ħlas għamlitu f'Marzu tal-2016, meta skont in-nota ta' ħlasijiet ippreżentata mill-appellant, l-aħħar pagament sar f'Settembru tal-2016. L-appellant qal li minkejja li l-Ewwel Qorti qalet li dan l-ammont ma ġiex debitament ippruvat għajr għall-elf Euro ammess mill-appellata, il-Qorti ma tistax temmen il-verżjoni tal-appellata anki fir-rigward tal-ħlas li din għamlet għall-istokk, li dwaru l-Qorti rrimarkat li f'każ li huwa minnu li kien hemm ħlas ta' €3,000 apparti l-ammont miftiehem bejn il-partijiet, dan ifisser li l-appellata ħallset b'kollox €14,000 u mhux €11,000.

20. L-appellant staqsa wkoll x'inhu l-aktar probabbli, hux li xi ħadd jitlef il-kontroll u l-paċenzja għaliex kellu offerta li l-aħħar pagament ta' €1,000 jinqasam f'żewġ pagamenti ta' €500, jew inkella hux li xi ħadd jitlef il-kontroll u l-paċenzja għaliex wara li fada lin-neputija tiegħu li kienet ser tħallsu l-ammont miftiehem, din bdiet tipprova tevita li tħallas l-€9,000 kif miftiehem għaliex ma kien hemm xejn miktub.

## Ir-Risposta tal-Appell

21. Fir-risposta tagħha l-appellata qalet li Qorti tat-tieni grad m'għandhiex tiddisturba d-diskrezzjoni eżerċitata mill-Ewwel Qorti, ħlief f'każijiet fejn l-apprezzament tal-provi li jkun sar mill-Ewwel Qorti jkun tant żbaljat li jekk jitħalla fis-seħħ, tkun qegħda ssir inġustizzja manifesta mal-parti li kontra tagħha l-Ewwel Qorti tkun esprimiet ġudizzju. L-appellata qalet li l-uniku aggravju mressaq mill-appellant jittenta jimpunja u jitfa' dubju fuq il-mod kif l-Ewwel Qorti għamlet l-apprezzament tal-provi li kellha quddiemha in sostenn tat-talbiet tiegħu. Żiedet tgħid li l-appellant jippretendi li din il-Qorti tissostitwixxi d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti, mingħajr ma jġib 'il quddiem raġunijiet jew argumenti li juru li l-apprezzament tal-provi kien żbaljat sal-punt li kieku jitħalla fis-seħħ, il-parti sokkombenti ssofri inġustizzja.

22. L-appellata qalet li l-Ewwel Qorti għamlet eżami approfondit tal-provi u identifikat numru ta' istanzi li juru li sal-grad tal-probabbilità li l-appellant ma rnexxilux jipprova l-każ tiegħu sal-grad mitlub mil-liġi. Kompliet tgħid li fil-fatt l-Ewwel Qorti rrikonoxxiet li l-appellata b'mod onest kienet iddikjarat li kien għad fadlilha tħallas lill-appellat is-somma ta' elf Euro għas-saldu ta' dak miftiehem

bejn il-partijiet. Qalet ukoll li f'dawn il-proċeduri l-appellant saħansitra rrikorra għall-vjolenza biex jieħu dak li mhuwiex tiegħu, tant hu hekk li nstab ħati mill-Qorti tal-Maġistrati (Ġudikatura Kriminali) li fost l-oħrajn volontarjament għamel ħsara fuq oġġetti mobbli proprjetà tal-appellata, u ntalab jagħmel tajjeb għall-ħsarat ikkaġunati minnu. L-appellata qalet li huwa evidenti li l-appellant huwa bniedem li meta ma tgħaddix tiegħu, jirrikorri għal kull mezz disponibbli biex b'mod dittatorjali jinforza dak li jippretendi li huwa tiegħu. Qalet li meta rinfaċċat b'sentenza tal-Ewwel Qorti li hija ġusta u li tirrispekkja dak li fil-verità ġara f'dan il-każ, l-appellant ippreżenta appell pjuttost fjakk sabiex jiddelunga l-istat ta' fatt li qiegħed jikkaġunalha ħsara, jiġifieri l-fatt li l-appellata ser tibqa' bi flusha ffriżati sakemm jiġi deċiż dan l-appell, u dan minkejja li l-Ewwel Qorti bl-aktar mod kategoriku ddeċidiet li l-verżjoni tal-appellata kienet ferm aktar verosimili minn dik tal-appellant. L-appellata qalet li l-Ewwel Qorti fehmet li l-karattru vjolenti tal-appellant kellu influwenza qawwija f'dan il-każ, u l-appellant ma bediex billi fetaħ kawża fil-Qorti, iżda billi mar fil-ħanut tal-appellata u kisser dak li sab quddiemu. L-appellata qalet li s-sentenza tal-Ewwel Qorti hija ġusta u timmerita konferma, bil-konsegwenza għalhekk li l-appell tal-appellant għandu jiġi miċħud.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

23. Hekk stabbiliti l-fatti li wasslu għall-proċeduri quddiem din il-Qorti, il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravju sollevat mill-appellant, li qiegħed jinsisti li l-Ewwel Qorti ma kinitx korretta fid-deċiżjoni li tat, partikolarment wara li din irrimarkat dwar il-kwalità pjuttost fqira tal-provi li tressqu quddiemha. L-appellant jinsisti li f'każ li l-Ewwel Qorti ma setgħetx tasal

għal deċiżjoni abbażi tal-provi prodotti quddiemha, din kellha tgħaddi sabiex tagħti raġun lilu u lill-pretensjonijiet tiegħu,

24. Din il-Qorti tirrileva li l-Ewwel Qorti rrimarkat li ma nġabux l-aħjar provi li setgħu jinġabu, u qalet ukoll li l-appellant naqas milli jġib provi konkreti sabiex jissostanzja l-allegazzjonijiet tiegħu. L-Ewwel Qorti qalet ukoll li setgħet tasal għall-konklużjonijiet tagħha b'ċertezza morali, fuq il-preponderanza tal-provi li kellha quddiemha. Din il-Qorti tirrileva li l-prova reġina dwar dak li ġie miftiehem bejn il-partijiet kellha tkun xi forma ta' skrittura jew ftehim bil-miktub li jipprova kemm kien l-ammont li l-partijiet qablu dwaru. Imma għal xi raġuni l-partijiet għażlu li ma jirrikorrux għall-format miktub meta l-appellata qablet li għandha tagħti ammont ta' flus lill-appellant għat-twellija tal-ħanut. Dan minkejja li oriġinarjament l-appellant ma kien talab l-ebda ammont ta' flus lill-appellata, iżda sussegwentement jidher li dan biddel fehmtu, u talab somma ta' flus biex 'joħroġ' mill-ħanut. Għalhekk in-nuqqas ta' skrittura fil-każ odjern huwa wieħed fatali, u din il-Qorti, bħall-Ewwel Qorti qabilha, m'għandha l-ebda prova konkreta dwar x'kien miftiehem bejn il-partijiet, għajr għal dak li jirriżulta mill-ftit provi dokumentarji u mill-ftit xhieda li taw id-deposizzjoni tagħhom fil-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti.

25. L-appellant jinsisti li *a tempo vergine,* l-appellata infurmat lill-pulizija li t-tilwima li kellhom bejniethom kienet dwar għoxrin elf Euro (€20,000), iżda sussegwentement din ikkorreġiet il-verżjoni tagħha, u qalet li l-ftehim bejn il-partijiet kien fuq l-ammont ta' tnax-il elf Euro (€12,000). Il-Qorti qieset li huwa ferm inverosimili illi li kieku l-partijiet tabilħaqq ftehmu li l-appellata kellha tħallas l-ammont ta' għoxrin elf Euro (€20,000), l-appellant ma kienx ser jinsisti

li ssir skrittura li tirrifletti dak li ġie miftiehem u maqbul bejn il-partijiet. Mill-provi ma jirriżultax lanqas għalfejn l-appellant talab dan il-ħlas lill-appellata, għaliex minn dak li jirriżulta mill-provi, il-ħanut tħalla vojt għal kollox għajr għal xi stokk, li l-appellata tgħid li parti mill-istokk li tħalla kienet skaduta, u għal xi affarijiet oħra li ma kienu ta' ebda utilità għall-appellata għaliex kienu bil-ħsara. Il-partijiet jidher li ħadu dan in-negozju ta' bejniethom b'mod leġġer ħafna, tant hu hekk li lanqas ftehim bil-miktub dwar x'kellu jitħalla fil-ħanut ma jirriżulta li kien hemm. Huwa inkonċepibbli kif parti tasal taqbel li tħallas eluf ta' Euro għal attrezzaturi li suppost kellhom jitħallew fil-ħanut, iżda sussegwentement issib li numru ta' *fridges* u *freezers* li suppost kellhom jitħallew fil-ħanut fil-fatt lanqas biss kienu proprjetà tal-appellant, iżda nġabru mill-kumpannija li pprovdiethom qabel l-appellata daħlet fil-ħanut u bdiet toperah hi.

26. Huwa minnu li l-pulizija li xehdu quddiem l-Ewwel Qorti semmew l-ammont ta' għoxrin elf Euro (€20,000), iżda jirriżulta wkoll li sussegwentement l-appellata kkorreġiet dan l-ammont għal tnax-il elf Euro (€12,000), u dan f'temp ta' żmien relattivament qasir wara l-inċident li seħħ bejn il-partijiet. Il-Qorti tirrileva wkoll li l-ebda wieħed mix-xhieda li ta id-depożizzjoni tiegħu quddiem l-Ewwel Qorti ma kkonferma li l-ammont miftiehem bejn il-partijiet kien ta' għoxrin elf Euro (€20,000), lanqas il-mara tal-appellant innifsu li ċaħdet li kienet preżenti għall-ftehim meta l-partijiet qablu dwar kemm kien l-ammont li kellu jitħallas mill-appellata, u dan kuntrarjament għal dak li xehed l-appellant. Il-Qorti sabet inkongruwenza wkoll fil-parti tax-xhieda tal-appellant, li qal li meta l-appellata offriet li tibda tħallas l-ammont ta' €500 fix-xahar, huwa kien qalilha li b'dik ir-rata hija ma kinitx ser tleħħaq tħallas dak dovut minnha, u dan meta jirriżulta li kien hemm għadd ta' xhur meta l-appellata ħallset lura

elf Euro (€1,000) fix-xahar. Il-partijiet mhumiex jaqblu lanqas dwar meta l-appellata għamlet l-aħħar ħlas tagħha, u filwaqt li l-appellant qal li l-aħħar ħlas tagħha sar f'Settembru tal-2016, l-appellata qalet li għamlet l-aħħar pagament f'Marzu tal-istess sena. Quddiem dawn l-kontradizzjonijiet kollha, kellha raġun l-Ewwel Qorti tiddeċiedi li ladarba l-appellata nnifisha ammettiet li kien għad fadlilha tħallas l-ammont ta' elf Euro (€1,000) mill-ammont maqbul bejn il-partijiet, huwa dak l-ammont li attwalment hija għandha tħallas, għaliex l-appellant min-naħa tiegħu naqas milli jġib prova konkreta li l-ammont pretiż minnu huwa l-ammont li qablu dwaru l-partijiet. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti qegħda tiċħad l-appell tal-appellant, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti fl-intier tagħha.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti tiddeċiedi dan l-appell tal-appellant billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti għandhom jitħallsu mill-appellant, filwaqt li l-ispejjeż ta' dan l-appell huma wkoll a karigu tal-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**